**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 1/23GG**

**Publis sive Leo Said detentur**
**tal-Karta ta' l-Identita' bin numru**
**279449 (M)**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**

Illum 13 ta' Frar, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Mahluf** ta' **Publis sive Leo Said** ippreżentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Jannar, 2023, bil-kawtela tal-ghoxrin jum ghar-risposta, li permezz tieghu jidher li jallega lezjoni tal-jeddijiet fundamentali tieghu bis-segwenti premessi u talbiet li qed ikunu riprodotti fl-intier taghhom u dan stante li tqassir tieghu fi ftit kliem ghal-ghan ta' introduzzjoni preliminari tal-kaz tirrizulta difficli bil-bosta:

# Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)

***Min jirċievi dan ir-Rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien 20 jum mid-data tan-notifika, ċioe minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, l-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jireċievi dan ir-Rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma x'għandu xi jgħid fil-kawża.***

**Publis sive Leo Said detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-numru 279449 (M)**

**vs.**

**L-Avukat ta' l-Istat**

Rikors Ġuramentat ta' l-Esponent Rikorrent Publis sive Leo Said detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-numru 279449 (M);

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament jikkonferma:

1) Illi fit-teorija, l-istess Onorabbli Qrati Maltin dejjem jiddikjaraw li l-bażi ta' l-istess eżistenza tagħhom hija ċċentrata madwar il-***"Maltese perspective of protecting their legitimate expectations,"*** ossija, l-istess eżistenza tagħhom hija ċċentrata madwar il-perspettiva Maltija tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ta' l-istess Maltin;

2) Illi fil-Liġi Pubblika Maltija kif ukoll fil-Liġi Amministrattiva Maltija inkluż anke ta' dawka ta' l-istess Onorabbli Qrati Maltin, l-istess Aspettattiva Leġittima ta' l-istess Maltin suppost hija assigurazzjoni ċara, mhux ambigwa w mhux kwalifikata, mifhuma minn dawk li lilhom tingħata, li minn ser jiddeċidi għall-istess Maltin ser jassigura li ser tittieħed azzjoni partikolari w/jew li ser tiġi segwita proċedura partikolari w/jew li ser tiġi segwita dejjem l-istess Liġi Maltija w/jew li ser tiġi segwita dejjem l-istess tip ta' Sentenza Maltija li probabilment kienet anke ġa ġiet stabbelita minn żmien ir-Rumani;

3) Illi l-għan ta' dina l-istess Kawża Kostituzzjonali hija ċentrata madwar id-duttrina tal-aspettattiva leġittima ta' l-istess Esponent Rikorrent fil-proċeduri ta' reviżjoni ġudizzjarja ta' l-istess Onorabbli Qrati Maltin;

4) Illi minkejja li ġiet injorata mill-istess Leġiżlatur, dina il-Kawża odjerna targumenta li hemm bażi legali suffiċjenti għall-applikazzjoni ta' dina l-istess duttrina mill-istess Qrati Maltin;

5) Illi l-istess Esponent Rikorrent ser jispeċifika r-raġunijiet għalfejn l-istess aspettattiva leġittima tiegħu għandha tkun dejjem protetta, kif ukoll li l-istess aspettattiva leġittima tiegħu għanda tkun il-pedament ta' dina l-istess Kawża kostituzzjonali w li l-istess Kawża odjerna għandha dejjem tkun abbażi għall-istess duttrina taħt il-Liġi Maltija;

6) Illi l-Istat tad-Dritt huwa l-prinċipju kostituzzjonali ewlieni li jiġġustifika l-protezzjoni, peress li dan ifittex li jħares iċ-ċertezza legali w il-ġustizzja fil-funzjonament ta' l-istess Eżekuttiv, ta' l-istess Leġislatur u fuq kollox anke ukoll ta' l-istess Qrati Maltin;

7) Illi minn perspettiva normattiva, għandha tingħata protezzjoni sabiex tinżamm l-awtonomija w il-fiduċja individwali fl-amministrazzjoni ta' anke ukoll ta' l-istess Qrati Maltin, kif ukoll sabiex jitbaxxew l-ispejjeż tad-dipendenza b'mod ġenerali;

8) Illi l-protezzjoni proċedurali ta' l-istess aspettativa leġittima Maltija ppreċediet il-protezzjoni sostantiva tagħha, bl-ewwel waħda tqiegħed il-pedamenti għal dik ta' l-aħħar;

9) Illi s-sentenzi li xprunaw il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi sostantivi fil-Common Law Ingliża, tispjega t-testijiet legali użati sabiex jibbilanċjaw l-interess privat ta' dipendenza fuq rappreżentazzjoni kontra l-interess pubbliku sabiex jitbiegħed minnha kif ukoll dwar l-adozzjoni ta' aspettattiva leġittima mill-istess Qrati Maltin;

## <u>Il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ta' l-istess Rikorrent u l-istess *Mise-en-scène* w il-*FORUM SHOPPING* mwettaq mill-istess Avukat Dottor John Bonello</u>:

10) Illi kif ser jiġi amplifikat quddiem Dina l-istess Onorabbli Qorti, fil-Kawża ***"L-Avukat Dottor John Bonello vs. Publius sive Leo Said,"*** Rikors Numru: 157/2019 RM, l-istess Rikorrent Publius sive Leo Said kien ħass mill-bidu nett li meta l-istess Avukat Dottor John Bonello kien daħħal ir-Rikors tiegħu hekk datat il-31 ta' Lulju 2019, l-istess Avukat Dottor John Bonello kien, fost ħafna affarijiet oħra, kiser diversi Drittijiet Bażiċi ta' l-istess Rikorrent Publius sive Leo Said;

11) Illi abbażi ta' l-istess Rikors tiegħu hekk datat il-31 ta' Lulju 2019, l-istess Avukat Bonello kien infama lill istess Rikorrent ma l-istess Onorevoli Maġistrat Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D. billi kien issuġġerixxa lill istess Maġistrat Sedenti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-istess Kawża li kellha quddiema billi fost affarijiet oħra kien issuġġerixxa hekk:

> ***"....Illi l-esponenti jerġa' jitenni r-rispett u l-fiduċja li għandu fil-persuna tal-Maġistrat sedenti u fil-waqt li <u>jiddikjara li l-esponenti mgħandu ebda oġġezzjoni li din il-kawża tkompli tinstema mill-Maġistrat Rachel Montebello</u>, jissottometti bil-qima li jkun qed jonqos jekk ma jġibx a konjizzjoni ta' din il-Qorti il-***

***pubblikazzjonijiet imsemmija li saru da parti tal-Rikorrent fil-konfront tal-Avukat Valentino;***

***Għaldaqstant, l-esponenti in vista tas-suespost, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tieħu l-opportuni provvediment dwar is-smiegħ tal-kawża odjerna occorrendo billi l-maġistrat sedenti tirrakuża ruħha għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrulha xierqa u opportuni...."***

12) Illi dejjem skond l-istess xhieda li kien tella l-istess Dr. John Bonello quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Ċivili kienu prattikament indikaw li kollha kemm huma kienu kkomunikaw ma l-istess Dr. John Bonello meta huma w l-istess Dr. John Bonello kienu ġewwa l-inħawi tal-Belt Valletta w mhux kif kien ġie allegat mill-istess Dr. John Bonello ġewwa ż-Żurrieq u/jew għad-direttura fl-inħawwi taż-Żejtun;

13) Illi kif ser jiġi żvelat w amplifikat quddiem Dina l-istess Onorabbli Qorti, l-istess Dr. John Bonello kien dolożament ikkreja ***Mise-en-scène*** a detriment kemm ta' l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Ċivili, kemm ta' l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Kriminali fil-Kawża ***"Pulizija (Spettur Dorietee Cuschieri) vs. Publius sive Leo Said (K.I. 279449 M),"*** kif ukoll a detriment ta' l-istess Esponent Rikorrent;

14) Illi l-istess Dr. John Bonello xjentament, malizzjożament kif ukoll dolożament ikkreja stat ta' fatt li l-istess perjodu ta' preskrizzjoni kellha tibda mill-ġdid fit-22 ta' Lulju tat-2019, ossija, propju meta l-istess Dr. Marycien Vassallo kienet ġiet ordnata mill-istess Dr. John Bonello sabiex tibda tara l-istess ***facebook*** ta' l-istess Esponent Rikorrent dak in-nhar stess, ossija, propju nhar it-22 ta' Lulju tat-2019;

15) Illi jekk wieħed jieħu l-istess xhieda li ta' l-istess Dr. John Bonello quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Ċivili bis-serjeta, l-istess allegat reat kien sar bil-fors nhar it-22 ta' Lulju tat-2019 fil-Belt Valletta;

16) Illi għalhekk l-istess Rapport li kien sar mill-istess Dr. John Bonello lill istess Pulizija, qatt ma messu tpoġġa la ma l-istess Għassa taż-Żurrieq u l-anqas ma l-istess Għassa taż-Żejtun, u għalhekk l-istess Kawża Kriminali qatt ma huwa suppost li ġiet quddiem l-Maġistrat Dr. Victor G. Axiak imma quddiem l-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud, ossija, fil-konfront ta' l-istess Esponent Rikorrent, l-istess Dr. John Bonello uża ***Mise-en-scène, FORUM SHOPPING*** u qerq bla limitu;

17) Illi barra minn hekk, vendetta jew le, l-istess allegazzjonijiet li kienu saru mill-istess Dr. John Bonello fl-istess ***"entering report"*** tal-Pulizija taż-Żurrieq, huma fl-opinjoni ta' l-istess Esponent Rikorrent minn kull lat foloz;

18) Illi kif kien indikat fid-diversi Rikorsi li l-istess Esponent Rikorrent kien għamel kemm quddiem il-Qrati Ċivili kif quddiem l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Kriminali, sabiex jikkomplika l-istess affarijiet, fl-ewwel Seduta, ossija f'dika tas-16 ta' Jannar 2020, l-istess Dr. John Bonello kien talab lill istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Kriminali sabiex temenda l-istess allegat ħin li attwalment kien qed jidher fuq fl-istess ***"entering report"*** tal-Pulizija taż-Żurrieq, ossija, minn ***"għal ħabta ta' 22.40 hrs.,"*** għal dika ta' ***"għal ħabta ta' 14.32 hrs u/jew fil-jiem ta' qabel,"*** ossija, fis-2.32 ta' wara nofs-in-nhar tat-22 ta' Lulju tat-2019;

19) Illi kif kienu allegaw l-istess xhieda ta' l-istess Dr. John Bonello, fis-2.32 ta' wara nofs-in-nhar tat-22 ta' Lulju tat-2019, l-istess Dr. John Bonello kien għadu fil-Belt Valletta;

20) Illi kif tgħallimna ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, abbażi ta' dina l-istess diskrepanza fundamentali fl-istess allegazzjonijiet ta' l-istess Dr. John Bonello, l-istess Prosekuzzjoni fl-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Kriminali, mhux biss suppost għanda twaqqa' l-istess kawża Kriminali li hemm pendenti kontra l-istess Esponent Rikorrent, imma wkoll l-istess Prosekuzzjoni tordna li jiġi nvestigat l-istess Dr. John Bonello għall-istess dikjarazzjonijiet li kien avvanza kontra l-istess Esponent Rikorrent;

21) Illi l-istess allegazzjonijiet li kien għamel l-istess Dr. John Bonello fl-istess Rikors tiegħu hekk datat il-31 ta' Lulju 2019, fejn l-istess Avukat Bonello kien infama lill istess Rikorrent ma l-istess Onorevoli Maġistrat Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D. kien ġie repprikat quddiem l-Maġistrat Dr. Victor G. Axiak fl-ewwel Seduta tas-16 ta' Jannar 2020;

22) Illi għaldaqstant, mill-bidu nett, anke fil-Kawża ***"Pulizija (Spettur Dorietee Cuschieri) vs. Publius sive Leo Said (K.I. 279449 M),"*** l-istess Rikorrent Publius sive Leo Said kien ħass li meta l-istess Avukat Dottor John Bonello kien rrepprikat fl-ewwel Seduta tas-16 ta' Jannar 2020 quddiem l-istess Maġistrat Dr. Victor G. Axiak l-istess allegazzjonijiet li kien għamel quddiem l-istess Onorevoli Maġistrat Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D. permezz ta' l-istess Rikors tiegħu hekk datat il-31 ta' Lulju 2019, l-istess Avukat Dottor John Bonello kien, fost ħafna affarijiet oħra, kiser diversi Drittijiet Bażiċi ta' l-istess Rikorrent Publius sive Leo Said quddiem kemm l-istess Qorti Kriminali kif ukoll quddiem l-istess Qrati Ċivili;

23) Illi minnħabba dawna l-istess allegazzjonijiet malafamenti, l-istess Esponent Rikorrent dejjem ħassu żvantaġġjat quddiem Dawna l-istess Onorabbli Qrati speċjalment meta kellu darba jiffaċċja lill istess Avukat Dottor John Bonello quddiem Dawna l-istess Onorabbli Qrati;

24) Illi l-istess Onorabbli Qrati mhux biss aġevolaw lill istess Avukat Dottor John Bonello imma wkoll kull darba li l-istess Esponent Rikorrent kien jipprova jressaq l-istess oġġezzjonijiet tiegħu, prattikament dejjem waqgħu fuq widnejn torox;

## Il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ta' l-istess Rikorrent u l-Istitut tal-Preskrizzjoni:

25) Illi kif ser jiġi amplifikat quddiem Dina l-istess Onorabbli Qorti, kien evidenti mill-bidu nett li barra li l-istess Avukat Dottor John Bonello kien qed jipprova jagħmel il-***FORUM SHOPPING*** sabiex jieħu vantaġġ żlejali mill-istess pożizzjoni dominanti w mopolistika li għandu anke quddiem Dawna l-istess Onorabbli Qrati, l-istess Kawża hekk avvanżata mill-istess Avukat Dottor John Bonello kontra l-istess Esponent Rikorrent kienet preskritta;

26) Illi fil-Kawża ***"Albert Camilleri et vs Avukat Richard Galea Debono et.,"*** hekk deċiża mill-Onorevoli Mħallef Noel V. Arrigo fl-1 ta' Lulju 1997 (Referenza: Volum 81 (1997), Parti Nru. 3, Taqsima 3, Paġna 127), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet sostniet illi:

> ***"....L-istitut tal-preskrizzjoni jiżgura li wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet jiġu definiti peress li l-ordinament ġuridiku ma jistax jippermetti illi l-litiġi jibqgħu imdendlin mingħajr ma jiġu rizolti...."***

27) Illi kif tagħlimna ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, l-Artikolu 2108(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> ***"Ma tistax issir minn qabel rinunzja bil-quddiem għall-Rinunzja preskrizzjoni, lanqas ma jista' jiġi miftiehem għall-preskrizzjoni żmien itwal minn dak li hemm fil-liġi;"***

28) Illi kif tagħlimna wkoll ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, l-Artikolu 2112 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> ***"L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-appell;"***

29) Illi l-Esponent Rikorrent kien sostna li l-azzjoni ta' l-istess Dr. John Bonello marbuta mal-pubblikazzjoni tal-filmat li l-kontenut tiegħu jinsab traskritta bħala DOK X ma tistax titmexxa 'l quddiem għaliex dina l-istess azzjoni ma saritx qabel ***"....sena mid-data ta' pubblikazzjoni,"*** ossija, minn meta deret għal ewwel u l-aħħar darba fis-sena 2017;

## Il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ta' l-istess Rikorrent u l-Istitut tal-Preskrizzjoni w il-Prinċiju ġenerali *LEX SPECIALIS DEROGAT LEGI GENERALI*:

30) Illi kif tagħlimna wkoll ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, l-Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

***"<u>Azzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandha</u>, sakemm ma tkunx soġġetta għal perjodu iqsar ta' preskrizzjoni taħt dan l-Att, <u>tkun preskritta wara li tkun għaddiet sena mid-data ta' pubblikazzjoni</u>;"***

31) Illi dejjem skont l-istess Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-istess azzjoni hekk avvanzata mill-istess Dr. John Bonello ma tkunx dikjarata preskritta, kellha issir fiż-żmien sena minn mindu kienet saret l-istess pubblikazzjoni li f'dana l-istess każ kienet saret ftit ħafna wara li kienet inqatlet l-istess Ġurnalista Daphne Anne Caruana Galizia;

32) Illi l-istess Daphne Anne Caruana Galizia née Vella kienet twieldet fis-26 ta' Awwissu 1964 u kienet ġiet maqtula fis-16 ta' Ottubru 2017;






33) Illi dejjem skond l-istess video li l-istess Dr. John Bonello kien għadda lill istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Kriminali fil-Kawża ***"Pulizija (Spettur Dorietee Cuschieri) vs. Publius sive Leo Said (K.I. 279449 M),"*** kien ġie stabbeli mill-istess Avukat ta' l-istess Rikorrent li l-istess Dr. John Bonello ta' bilfors kellu kopja ta' dana l-istess video qrib l-aħħar ta' Novembru tat-2017 għax dejjem skond daka l-istess video, l-istess video kien ġie l-aħħar immodifikat fit-28 ta' Novembru 2017 fil-11 u nofs ta' fil-għodu, ossija, nhar it-Tlieta fil-11 il-sija' 31 minuta w 12 il-sekonda ta' fil-għodu:

Modified: Tuesday, November 28, 2017, 11:31:12 AM

34) Illi għaldaqstant, u fi kliem ieħor, u dejjem skont l-istess Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta, l-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sena għandhom jibdew jgħoddu minn dakinhar illi l-istess pubblikazzjoni dehret għal aħħar darba, ossija, w dana dejjem skond l-istess kopja ta' l-istess Video li kien għadda l-istess Dr. John Bonello lill istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Kriminali fil-Kawża ***"Pulizija (Spettur Dorietee Cuschieri) vs. Publius sive Leo Said (K.I. 279449 M),"*** kien ittieħed minnu stess w/jew minn xi kompliċi minn tiegħu w/jew minn xi aġent minn tiegħu w/jew minn xi ħabib minn tiegħu fit-28 ta' Novembru 2017 fil-11 u nofs ta' fil-għodu, ossija, minn nhar it-Tlieta fil-11 il-sija' 31 minuta w 12 il-sekonda ta' l-għodwa tat-28 ta' Novembru 2017;

35) Illi għaldaqstant ukoll, l-istess Dr. John Bonello kellu kull dritt li jiftaħ l-istess Kawża quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Ċivili sa mhux aktar tard minn fil-għodu tat-28 ta' Novembru 2018;






36) Illi għal xi raġuni nspjegabbli, kemm l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Ċivili kif ukoll l-istess Qorti ta' l-Appell ċaħdu dana d-dritt hekk solevat mill-istess Esponent Rikorrent, ossija, l-istess protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ta' l-istess Rikorrent ġiet

imkasbra mill-istess Qrati Maltin meta għar-raġunijiet li jafu huma biss, u għax hekk involut l-istess Avukat John Bonello, l-Istitut tal-Preskrizzjoni kif ukoll l-istess Liġijiet Maltin li jirregulaw l-istess Istitut tal-Preskrizzjoni w speċjalment l-istess Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> ***"Azzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandha, sakemm ma tkunx soġġetta għal perjodu iqsar ta' preskrizzjoni taħt dan l-Att, tkun preskritta wara li tkun għaddiet sena mid-data ta' pubblikazzjoni;"***

**"*SCREEN SHOT 1:*" Dana lbies tas-Sajf?**




ġew b'mod konvinjenti injorati mill-istess Qrati Maltin billi wara li ċaħdu kemm il-jedd kif ukoll l-istess protezzjoni għandu bħala Ċittadin Malti kif ukoll Ċittadin ta' l-istess Unjoni Ewropeja ta' l-istess aspettattivi leġittimi ta' l-istess Rikorrent meta ssolleva d-dritt bażiljarju tiegħu li juża l-benefiċċju li jagħti l-istess Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta;

37) Illi fi kliem aktar sempliċi, wara li ċaħdu d-Dritt sagrosant dwar l-użu tal-benefiċċju li jagħti l-istess Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Ċivili kif ukoll l-istess Qorti ta' l-Appell imponew sentenza ta' €3,000 meta kien evidenti mill-bidu nett li l-istess talbiet ta' l-istess Avukat Dr. John Bonello mhux biss kien preskritti minn kull lat, imma wkoll l-istess xhieda hekk sollevata mill-istess Avukat Dr. John Bonello kient iffabbrikata minnu stett u/jew bl-għajnuna diretta ta' terżi mhux mgħarufa;

38) Illi fl-opinjini ta' l-istess Esponent Rikorrent, bit-tali aġir ta' l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Ċivili kif ukoll ta' l-istess Qorti ta' l-Appell, l-istess Onorabbli Qrati imponew li s-Saltna tad-Dritt hawn Malta tingħata biss lill ċerti nies ta' klassi w lill ċerti nies partikolari w ta' ċerta stoffa biss;

39) Illi fi kliem aktar sempliċi, w dejjem fl-istess opinjoni ta' l-istess Esponent Rikorrent, apparti li kien hemm ksur lampanti ta' l-istess Artikolu 39 ta' Kostituzzjonali ta' Malta kif ukoll Artikolu 6 ta' l-istess Konvenzjoni għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa kif ukoll id-Dritt hekk ġarantit taħt ***"TITLE VI"*** tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, ossija Artikolu 47 et seq, id-Dritt fundamentali ta' l-***"Equality of Arms,"*** kif ukoll id-Dritt fundamentali ta' l-***AUDI ALTERAM PARTEM, "<u>THE BASIC RULES OF NATURAL JUSTICE</u>," <u>A RIGHT OF REPLY</u>*** u/jew ***<u>A RIGHT OF CORRECTION</u>,*** l-istess Artikolu 45 ta' Kostituzzjonali ta' Malta milli jidher hija biss ħolma rimotissima;

> ***"….Clover also notices that the wall on which the Seven Commandments were written has been repainted: Now, the wall simply reads, "ALL ANIMALS ARE EQUAL / BUT SOME ANIMALS ARE MORE EQUAL THAN OTHERS." Eventually, all the pigs begin carrying whips and wearing Jones' clothes…."***

40) Illi din il-frażi hija waħda mis-seba' kmandamenti stampati mill-ġdid użati fl-aħħar kapitlu (Kapitlu 10, paġna 3-4) tar-rumanz ***"Animal Farm"*** ta' George Orwell;

41) Illi fi kliem aktar sempliċi, il-frażi meħuda mir-rumanz ***"Animal Farm"*** ta' George Orwell, taqra hekk:

> ***"…Clover jinnota wkoll li l-ħajt li fuqu nkitbu s-Seba' Kmandamenti ġie miżbugħ mill-ġdid: Issa, il-ħajt sempliċement jaqra, "L-ANNIMALI KOLLHA HUMA UGWALI / IMMA XI ANNIMALI HUMA AKTAR UGWALI MILL-OĦRAJN." Eventwalment, il-ħnieżer kollha jibdew iġorru l-frosti w jilbsu l-ħwejjeġ ta' Jones…."***

42) Illi din il-frażi tidher fl-aħħar tan-narrattiva, meta titwaqqaf ġerarkija ġdida fir-Razzett tal-Annimali ta' George Orwell;

43) Illi l-ħnieżer ta' George Orwell jikklassifikaw fl-ogħla livell fl-istruttura, l-klieb ta' George Orwell jiġu wara, w mbagħad annimali oħra ta' George Orwell jikklassifikaw kif xieraq;

44) Illi l-ħnieżer ta' George Orwell huma l-ħakkiema w il-kaptani;

45) Illi dan ifisser li l-ħnieżer ta' George Orwell jistgħu jerġgħu jiktbu w/jew jinterpretaw mill-ġdid il-kmandamenti sabiex jiżguraw il-benefiċċju tagħhom, u l-kontroll fuq annimali oħra;



QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

RIKORS

Lil: **Publius sive Leo Said** (K.I.: 279449M)

ta'

B'dan int imsejjaħ tidher quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija

f' fid-9a.m. biex twieġeb għat-talba ta'

**L-Avukat Dottor John Bonello** (K.I.: 534080M)

ta' 19/9, Triq id-Dejqa, Valletta, VLT1432

u tgħid għaliex m'għandekx tkun ikkundannat

prevja dikjarazzjoni li pubblikazzjoni ossia immaġni viżwali (*video*) li inti ppubblikajt nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju 2019 għall-ħabta tat-3pm permezz ta' pjattaforma elettronika *online* ossia l-portal "*Facebook*" fejn il-konvenut jidher f'konversazzjoni permezz tat-telefon liema konversazzjoni hija traskritta fid-dokument anness u mmarkat "Dok. X", hija libelluża u malafamanti fil-konfront tal-attur, tħallas lill-attur somma li ma teċċedix ħdax-il elf sitt mija u erbgħin euro (€11,640) in linea ta' danni morali u dan a tenur tal-Kap. 579.

B'applikazzjoni tal-Art. 14 tal-Kap. 579, il-Qorti hija umilment mitluba tordna lill-konvenut ineħħi l-pubblikazzjoni malafamanti mis-sit elettroniku fejn ġiet pubblikata.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

U jekk tonqos li tidher fil-jum u siegħa hawn fuq imsemmijin, il-Qorti tiddeċiedi skond il-ligi.

Rikors Numru: 157/19 RM.

Illum, 23 ta' Lulju 2019

Hruġ: Ippreżentat mill-P.L. Jean-Pierre Busuttil b'dok. wieħed

Not:

Kopji: Dep. Reg

Preż: € 120.00

D/Reg:

Reg: € 12.00

Not: € 2.40

€531.15

MAGISTRATES COURT No: 23 JUL 2019 2145 PAID

QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

RIKORS

Lil: **Publius sive Leo Said** (K.I.: 279449M)

ta' Kennedy Grove Court, Flat 1, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar

B'dan int imsejjaħ tidher quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija quddiem il-Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D.

4 ta' Ottubru 2019 9:15 fid-9a.m. biex twieġeb għat-talba ta'

**L-Avukat Dottor John Bonello** (K.I.: 534080M)

ta' 19/9, Triq id-Dejqa, Valletta, VLT1432

u tgħid għaliex m'għandekx tkun ikkundannat

prevja dikjarazzjoni li pubblikazzjoni ossia immaġni viżwali (*video*) li inti ppubblikajt nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju 2019 għall-ħabta tat-2.32pm permezz ta' pjattaforma elettronika *online* ossia l-portal "*Facebook*" fejn il-konvenut jidher f'konversazzjoni permezz tat-telefon liema konversazzjoni hija traskritta fid-dokument anness u mmarkat "Dok. X", hija libelluża u malafamanti fil-konfront tal-attur, tħallas lill-attur somma li ma teċċedix ħdax-il elf sitt mija u erbgħin euro (€11,640) in linea ta' danni morali u dan a tenur tal-Kap. 579.

B'applikazzjoni tal-Art. 14 tal-Kap. 579, il-Qorti hija umilment mitluba tordna lill-konvenut ineħħi l-pubblikazzjoni malafamanti mis-sit elettroniku fejn ġiet pubblikata.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

U jekk tonqos li tidher fil-jum u siegħa hawn fuq imsemmijin, il-Qorti tiddeċiedi skond il-ligi.

Avv. Marycien Vassallo
19/9, Triq id-Dejqa, Valletta

Maħruġ ...

Sharon Tonna
Deputat Reġistratur
Deputy Registrar
Qrati tal-Gustizzja (Malta)
Law Courts (Malta)
Reġistratur

46) Illi meta kien sar evidenti li l-istess Imħallef sedenti fil-Qorti ta' l-Appell kien qed jagħmel minn kollox sabiex ma jħallix lill istess Avukat ta' l-Esponent Rikorrent li skopra li kawżi kollha ta' l-istess Avukat Dottor John Bonello kienu preskritti abbażi l-istess Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta w li fuq kollox l-istess xhieda hekk sollevata mill-istess Avukat Dottor John Bonello kient iffabbrikata minn kull lat u minnu stess u/jew bl-għajnuna diretta ta' terżi mhux mgħarufa, w li l-istess Avukat Dottor John Bonello kien qed jagħmel minn kollox sabiex jibbenifika mill-istess qerq tiegħu stess, kif ukoll mill-istess ***Mise-en-scène*** hekk krejata minnu stess kif ukoll mill-istess ***FORUM SHOPPING*** mwettaq mill-istess Avukat Dottor John Bonello, w fuq kollox li l-istess Kawżi kollha ta' l-istess Avukat Dottor John Bonello kontra l-istess Esponent Rikorrent kien biss eżerċizzju ta' estorsjoni,[1] l-istess Imħallef sedenti

[1] **Illi d-definizzjoni ta' estorsjoni (nom) huwa:**

1) **L-att jew l-okkorrenza ta' estorsjoni;**

2) **(Liġi) Id-delitt li wieħed jikseb flus jew xi ħaġa oħra ta' valur bl-abbuż tal-kariga jew awtorità tiegħu;**

3) **L-estensjoni oppressiva jew illegali, bħala prezz jew imgħax eċċessiv;**

fil-Qorti ta' l-Appell kien għamel minn kollox sabiex l-istess Avukat ta' l-istess Esponent Rikorrent qatt ma jkollu vuċi quddiem Dika l-istess Onorabbli Qorti;

47) Illi peress li kemm l-istess Avukat Dottor John Bonello kif ukoll l-istess Imħallef sedenti fil-Qorti ta' l-Appell kien jappartjenu lill istess Partit Laburista fil-Gvern, u fuq kollox, minħabba li l-istess Imħallef sedenti fil-Qorti ta' l-Appell kien għamel minn kollox sabiex l-istess Avukat

---

**4) L-estorsjonijiet ta' l-utenti u xi ħaġa estorta;**

**Illi bla preġudizzju għas-suespost, la darba l-istess Avukat Dottor John Bonello huwa konxji mill-fatt li huwa stess kien mhux biss għamel allegazzjonijiet foloz u ffabbrikati, imma wkoll kien għamel diversi dikjarazzjonijiet ġuramentati foloz sabiex probabilment bl-għajnuna ta' terzi li daħlu f'kompliċità w f'konfoffa miegħu, xjentament, malizzjożament u dolożament ikkomittew diversi delitti sabiex, bl-istess dikjarazzjonijiet foloz, l-istess Avukat Dottor John Bonello jkun f'pożizzjoni idonea li jiffroda lill istess Esponent Rikorrent; ossija, permezz ta' dina l-istess *mise en scène*, kif ukoll permezz ta' anke l-istess Kawżi, fl-14 ta' Marzu 2022, l-istess Dr. John Bonello kien talab lill istess Qorti tal-Maġistrati sabiex fost ħafna affarijiet oħra tikkonċedilu afavur tiegħu:**

a) **Abbażi ta' Artikolu 9 tal-KAPITOLU 579 – ATT DWAR IL-MIDJA U L-MALAFAMA l-istess Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) tikkundana lill istess Appellant *"....iħallas somma mhux aktar minn ħdax-il elf sitt, mija u erbgħin euro (€11,640) bħala danni morali flimkien ma' danni reali taħt kwalunkwe liġi li tkun fis-seħħ...."***

b) **Abbażi ta' Artikolu 48(3) tal-KAPITOLU 399 - ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI l-istess Qorti tal-Maġistrati (Kriminali) tikkundana lill istess Appellant *"....multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u disgħin euro (€23,290) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;"***

c) **Abbażi ta' Artikolu 48(4) tal-KAPITOLU 399 - ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI l-istess Qorti tal-Maġistrati (Kriminali) tikkundana lill istess Appellant *"....jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u ħamsa u erbgħin euro (€11,645) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;"***

1. **Talli l-istess Esponent Rikorrent sofra diversi attakki ta' *"hacking"* minn naħa ta' l-istess Dr. John Bonello; ossija, l-istess Dr. John Bonello u/jew l-istess kompliċi tiegħu, kisbu aċċess mhux awtorizzat għad-data f'sistema jew fil-kompjuter ta' l-istess Esponent Rikorrent;**

2. **Talli l-istess Esponent Rikorrent mhux biss sofra diversi atti ta' *"harassment"* minn naħa ta' l-istess Dr. John Bonello speċjalment permezz ta' l-istess Rikors ta' l-istess Dr. John Bonello hekk datat il-31 ta' Lulju 2019, imma wkoll peress li l-istess Onorevoli Maġistrat ċaħdet it-talba mhux biss li tappunta espert ta' l-istess Computers, imma wkoll ċaħdet id-dritt ta' l-istess Esponent Rikorrent li jtella x-xhieda kollha hekk rikjesta minnu;**

3. **Talli l-istess Onorevoli Maġistrat mhux biss ċaħdet it-talba li jiġi appunt espert ta' l-istess Computers, kif wkoll ċaħdet id-dritt ta' l-istess Esponent Rikorrent li jtella x-xhieda hekk rikjesta minnu, imma wkoll talli l-istess Onorevoli Maġistrat b'mod unilaterali ddeċidiet tagħlaq l-provi kollha ta' l-istess Esponent Rikorrent speċjalment meta kien sar evidenti li l-istess allegazzjonijiet ta' l-istess Dr. John Bonello kienu ffabbrikati minnu stess u/jew permess ta' terzi mhux mgħarufa w li fuq kollox l-istess azzjonijiet fil-Kawżi kollha ta' l-istess Dr. John Bonello kienu preskritti mill-bidu nett;**

ta' l-Esponent Rikorrent qatt ma jkollu vuċi quddiem Dika l-istess Onorabbli Qorti, l-Esponent Rikorrent kien kemm id-darba talab permezz ta' l-istess Rikorsi tiegħu lill istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell:

> *"…..**Għaldaqstant, b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill istess Esponent Appellant, anke abbażi tal-Prinċipji bażiljarji legali tad-Dritt aċċettati anke minn Dawna l-istess Onorabbli Qrati, ossija, l-Preżunzjoni ta' l-Innoċenza, d-dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq hekk garantit kemm mill-istess Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll Artikolu 6 ta' l-istess Konvenzjoni għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa[2] kif ukoll id-Dritt hekk ġarantit taħt "TITLE VI" tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, ossija Artikolu 47 et seq, id-Dritt fundamentali ta' l-"Equality of Arms,"[3] kif ukoll id-Dritt fundamentali ta' l-AUDI***

---

[2] **Illi kif taf ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, per eżempju, fil-Kawża *"Perez v. France,"* (Rikors Nru 47287/99), l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet sostniet illi d-dritt għal proċess ġust għandu post tant prominenti f'soċjetà demokratika li <u>ma jista' jkun hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni b'mod restrittiv</u>;**

**Illi fil-każ ta' *"Perez v. France,"* (Rikors Nru 47287/99), il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-Seduta tal-*"Grand Chamber"* kienet iddeċidiet fit-12 ta' Frar 2004 fl-Paragrafu 64:[2]**

> ***"….<u>In this respect the Court notes that the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6 § 1 restrictively</u>: <u>conformity with the spirit of the Convention requires that the word</u> "<u>contestation</u>" <u>should not be construed too technically and that it should be given a substantive rather than a formal meaning</u>…."***

[3] ***<u>EQUALITY OF ARMS</u> – "<u>Toute personne a droit a ce que sa cause soit entendue equitablement</u>"*** **-** Illi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet iddikjarat li l-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi huwa l-akbar element tal-kunċett tad-dritt għal proċess ġust, **<u>li tinkorpora wkoll id-dritt fundamentali tan-natura kontradittorja tal-Qorti</u> (**Ara per eżempju P. Nicolopoulos, 1989, ***"La procédure devant les juridictions répressives et le principe du contradictoire,"*** RSC, p. 3.);

**<u>Illi l-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi huwa estremament importanti peress li jimplika konformità mad-dritt għad-difiża w/jew il-ħtieġa ta' dibattitu jaħraq, kemmxejn imbarazzanti w anke kemmxejn kontradittorju</u>;**

**<u>Illi l-Qorti ta' Strasburgu kien fakkar li l-evidenza għanda tiġi ppreżentata</u>, <u>fil-prinċipju</u>, <u>billi l-litiganti</u>, <u>bil-mod tagħhom stess u dejjem f'sessjoni pubblika jgħatu ħarsa lejn dibattitu kontradittorju</u>;**

**<u>Illi l-kontradittorju</u>, relatat mill-qrib mal-idea tal-ugwaljanza tal-armi, <u>jimponi lill Ġudikant biex jara li kwalunkwe element</u>, <u>li jista' jinfluwenza s-soluzzjoni tal-kawża</u>, <u>jkun is-suġġett ta' dibattitu bejn il-partijiet</u>;**

Illi ma huwiex rilevanti jekk l-element li jkun jista' jwassal għal ċerta deċiżjoni titressaq diskussjoni mill-partijiet jew ***EX OFFICIO*** mill-Qorti, anke f'dan l-aħħar xenarju, l-Ġudikant ikun obbligat li jimponi d-diskussjoni tiegħu;

Illi fl-opinjoni ta' l-istess Qorti ta' Strasburgu, l-kontradittorju jimponi l-possibbiltà għall-konvenut li jiġġieled id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-allegat vittma/attur minn konfrontazzjoni jew billi jkollu l-possibbiltà li jikseb l-interrogazzjoni tal-allegat vittma/attur matul l-istess proċess, dikjarazzjoni li turi l-fatt li l-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi japplika wkoll fil-konvenut u r-relazzjoni tiegħu ma l-allegat vittma/attur;

***ALTERAM PARTEM,[4] "THE BASIC RULES OF NATURAL JUSTICE,"[5] A RIGHT OF REPLY jew A RIGHT OF CORRECTION,[6] l-istess Esponenti Appellant qed jitlob bir-rispett lill Dina l-istess Onorabbli Qorti:***

I. ***Tikkunsidra li peress li l-istess Appellat huwa magħruf li trasferixxa ruħu minn ħdan l-istess Partit Nazzjonalista fuq allegazzjoni li missier l-istess Appellant, ossija, s-Sur John A. Said kien għamillu diversi bzaten fir-roti fl-istess avvanz***

---

[4] **Illi l-Prinċipju bażiljarju *AUDI ALTERAM PARTEM* jiddikjara li l-ebda persuna ma għandha tiġi kkundannata, kkastigata minn xi Qorti tal-Liġi mingħajr ma tinstema' lill istess persuna;**

Illi fi kliem ieħor, parti ma tistax titħalla tgħaddi minn xi grad ta' kastig mingħajr l-opportunità li tinstema';

Illi dan jitqies bħala prinċipju tal-ġustizzja jew l-ekwità fundamentali;

Illi biex kwalunkwe sentenza tkun legalment valida, għandha tgħaddi wara li jingħataw iż-żewġ partijiet u wara li jingħata d-dritt liż-żewġ partijiet li jiddefendu lilhom infushom u jressqu hemmhekk in-naħa tagħhom tal-istorja;

[5] Illi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet iddikjarat ukoll li l-prinċipju tal-ġustizzja naturali huma bbażati fuq il-ġustizzja, r-raġonevolezza, l-ugwaljanza w l-ekwità; Illi l-prinċipju ta' ***AUDI ALTERAM PARTEM*** huwa wieħed mill-kunċetti bażiċi tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali; Illi din id-duttrina tagħti dritt li wieħed ma għandux jiġi kkundannat b'xi ħaġa mingħajr ma jinstema'; Illi dan huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-ġustizzja naturali w jiżgura s-smigħ ġust u ħieles minn kull oppressjoni w/jew minn kull impożizzjoni; Illi din il-massima legali tagħti liż-żewġ partijiet id-dritt li jinstemgħu; Illi dina l-massima jsir bil-għan li jagħti opportunità liż-żewġ partijiet biex jiddefendu lilhom infushom; **Illi għalhekk, kwalunkwe deċiżjoni meħuda mingħajr ma tingħata opportunità ġusta liż-żewġ partijiet li tinżamm milli tgħati d-difiża tagħha, tmur kontra l-istess prinċipal tal-ġustizzja naturali;**

[6] Illi l-ġurisprudenza tal-Qorti tagħna tgħati anke d-Dritt ta' Tweġiba w anke d-Dritt ta' Korrezzjoni li tista' tkun ukoll parti mill-politika editorjali ta' pubblikazzjoni tal-aħbarijiet jew ta' xi ġurnal akkademiku;

Illi fl-1974, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa kien diġà vvota riżoluzzjoni li tagħti dritt ta' tweġiba għall-individwi kollha;[6]

Illi l-Artikolu 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2004 ddefinixxa d-dritt ta' tweġiba bħala li toffri l-possibbiltà ta' reazzjoni għal kwalunkwe informazzjoni fil-midja, eċċ li tippreżenta fatti mhux preċiżi li jaffettwaw drittijiet personali; ossija:

> ***"....offering a possibility to react to any information in the media presenting inaccurate facts....which affect....personal rights...."[6]***

Illi per eżempju, l-Linji Gwida Editorjali tal-BBC jiddikjaraw illi meta l-produzzjoni tagħna tagħmel allegazzjonijiet ta' għemil ħażin, ekikwità jew inkompetenza jew tistabbilixxi kritika b'saħħitha w/jew dannuża għall-individwu w/jew għall-istituzzjoni, l-preżunzjoni hija li dawk ikkritikati għandhom jingħataw ***"id-dritt ta' tweġiba,"*** jiġifieri, l-istess individwu w/jew l-istess istituzzjoni tiġi mogħtija l-opportunità ġusta biex twieġeb għall-allegazzjonijiet tagħhom; ossija:

> ***"....When our output makes allegations of wrongdoing, iniquity or incompetence or lays out a strong and damaging critique of an individual or institution the presumption is that those criticised should be given a "right of reply," that is, given a fair opportunity to respond to the allegations...."[6]***

***tiegħu fl-istess ġerarkija ta' l-istess Partit Nazzjonalista w naqad ma' l-istess Partit Laburista li l-istess Onorevoli Mħallef Sedenti kien jappartjeni, l-istess Onorevoli Mħallef Sedenti jastjeni milli jiddeċiedi Dana l-istess Appell u dana dejjem abbażi ta' l-istess aforiżmu:***

> ***"....It is not merely of some importance but is of fundamental importance that justice should not only be done, but should manifestly and undoubtedly be seen to be done...." - Lord Hewart[7]***

***II. Tikkunsidra dejjem bla preġudizzju għas-suespost li tiddikjara li dina l-istess Kawża Odjerna hija preskritta għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi;[8]***

---

**[7] Illi kif ġa ġie suriferit u kif tagħlimna ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti w dina l-istess Sentenza. ossija, mhux biss ta' xi importanza iżda hija ta' importanza fundamentali li l-ġustizzja mhux biss għandha ssir, iżda għandha tidher b'mod ċar u bla dubju li ssir;**

**Illi kif tagħlimna wkoll ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, dina l-istess Diktum kien ġie stabbilit minn Lord Hewart, il-Lord Chief Imħallef tal-Ingilterra ta' dak iż-żmien fil-każ ta' *"Rex v. Sussex Justices,"* [1924] 1 KB 256;**

**Illi l-istess Lord Hewart kien kompla josserva li dak li kien importanti ma kienx dak li sar fil-fatt, imma dak li seta' jidher li sar u li nżamm:**

> ***"....Nothing is to be done which creates even a suspicion that there has been an improper interference with the course of justice...."***

**Illi fi kliem ieħor, Lord Hewart kompla jsostni li ma għandu jsir xejn li joħloq anke suspett li kien hemm interferenza mhux xierqa fil-kors tal-ġustizzja;**

**Illi l-fehma tiegħu kienet aċċettata miż-żewġ imħallfin l-oħra (Justice Lush u Justice Sankey);**

**Illi din id-deċiżjoni importanti kienet il-bażi ta' diversi deċiżjonijiet f'fergħat amministrattivi w oħrajn tal-liġi fejn anke l-apparenza ta' xi ħaġa mhux xierqa kienet raġuni biex titwarrab ordni ta' Qorti, Tribunal jew Awtorità kważi Ġudizzjarja;**

**Illi tabilħaqq, kienet din id-deċiżjoni li kienet deċiżiva biex twarrab l-ordni inizjali tal-*"House of Lords"* kontra d-dittatur Ċilen Pinochet għaliex Lord Hoffman kien fuq il-Bank u martu kienet ħadmet ma' *"Amnesty International"* li kienet segwiet il-każ kontra Pinochet;**

[8] Illi kif tagħlimna ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, l-Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta huwa fuq kollox ***LEX SPECIALIS;***

Illi għalhekk, f'każ ekwivoku jew ta' kunflitt, jipprevalu r-regoli proċedurali fil-**Liġi Speċjali,** ossia l-Liġijiet tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta, w għalhekk in omaġġ għall-Prinċipju ġenerali tad-Dritt ***LEX SPECIALIS DEROGAT LEGI GENERALI,*** l-istess Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta bħala **Liġi Speċjali** ***DEROGAT LEGI GENERALI,*** ossija, dawka tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

***III.*** ***Tikkunsidra li tordna l-<u>CONTRARIO IMPERIO</u> kontra l-istess Digriet Tagħha tat-13 ta' Lulju 2022 u:***

***a.*** ***Tisfilza r-Risposta ta' l-istess Appellat speċjalment meta Dina l-istess Onorabbli Qorti kienet ġiet infurmata mill-istess Appellant li l-istess Risposta ta' l-istess Appellat kienet ormai ddaħlet ħafna wara li kien ġie n-Notifikat l-istess Appellat, ossija, r-Risposta kienet FUORI TERMINE;***

***b.*** ***Takkolji anke l-istess "Rikors fl-Atti ta' l-Appell" ta' l-istess Appellant <u>sabiex jarrekkixxi l-istess arġumenti ta' l-istess Appell ta' l-istess Avukat Stellini</u>, ossija, ta' daka ta' l-istess Avukat tekniku li ma ingħatax il-kelma Quddiem Dina l-istess Onorabbli Qorti;***

**IV.** ***Tikkunsidra li tissanzzjona lill istess Appellat talli huwa evidenti li l-istess Appellat kien mhux biss iffabbrika Dina l-istess Kawża odjerna imma wkoll talli xjentament, malizzjożament u dolożament ikkommetta diversi atti kriminali sabiex l-istess Appellat jottjeni diversi sentenzi (kemm Ċivili kif ukoll Kriminali) inġusti w bi skop ewlieni ta' qligħ finanzjarju kontra l-istess Appellant...."***

48) Illi kif tagħlimna wkoll ben tajjeb dina l-istess Onorabbli Qorti, l-Artikolu 2107 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

***(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, w mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi;***

***(2) <u>Il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi</u>;***

## <u>Il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ta' l-istess Rikorrent u ta' Dr. John Bonello w il-Prinċipju legali ta' l-*ISTATUT TAL-LIMITAZZJONIJIET*</u> – <u>Il-Preskrizzjoni</u>:

49) Illi għaldaqstant, u kif tagħlimna wkoll ben tajjeb dina l-istess Onorabbli Qorti, l-preskrizzjoni għandha l-effett li teħles lill-istess Esponent Rikorrent mill-istess allegazzjonijiet ta' l-istess Dr. John Bonello;

---

***"<u>Azzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandha</u>, sakemm ma tkunx soġġetta għal perjodu iqsar ta' preskrizzjoni taħt dan l-Att, <u>tkun preskritta wara li tkun għaddiet sena mid-data ta' pubblikazzjoni;</u>"***

**Illi b'hekk, u dana dejjem skond l-istess opinjoni ta' l-istess Esponent Appellanti, l-istess il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Ċivili) kienet ħoloq preġudizzju w saħansitra preċedent ikraħ;**

## *QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)*

## *RIKORS*

Lil: **Publius sive Leo Said** (K.I.: 279449M)
ta'

B'dan int imsejjaħ tidher quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija

f' fid-9a.m. biex twieġeb għat-talba ta'

**L-Avukat Dottor John Bonello** (K.I.: 534080M)
ta' 19/9, Triq id-Dejqa, Valletta, VLT1432

u tgħid għaliex m'għandekx tkun ikkundannat

prevja dikjarazzjoni li pubblikazzjoni ossia immaġni viżwali (*video*) li inti ppubblikajt nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju 2019 għall-ħabta tat-3pm permezz ta' pjattaforma elettronika *online* ossia l-portal "*Facebook*" fejn il-konvenut jidher f'konversazzjoni permezz tat-telefon liema konversazzjoni hija traskritta fid-dokument anness u mmarkat "Dok. X", hija libelluża u malafamanti fil-konfront tal-attur, tħallas lill-attur somma li ma teċċedix ħdax-il elf sitt mija u erbgħin euro (€11,640) in linea ta' danni morali u dan a tenur tal-Kap. 579.

B'applikazzjoni tal-Art. 14 tal-Kap. 579, il-Qorti hija umilment mitluba tordna lill-konvenut ineħħi l-pubblikazzjoni malafamanti mis-sit elettroniku fejn ġiet pubblikata.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

U jekk tonqos li tidher fil-jum u siegħa hawn fuq imsemmijin, il-Qorti tiddeċiedi skond il-liġi.

50) Illi hija sempliċi preskrizzjoni lill-istess Esponent Rikorrent jista' jopponi lill-istess Dr. John Bonello, li jkun naqas milli jeżerċita d-drittijiet tiegħu, jew akkwistahom sabiex jiġu rikonoxxuti fiż-żmien preskritt mill-istess Artikolu 18 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta;

51) Illi abbażi ta' l-istess duttrina tal-aspettattiva leġittima suriferita, l-istess Esponent Rikorrent kellu ***IPSO JURE*** jikseb dan id-dritt mingħajr ebda att min-naħa tiegħu, jirriżulta kompletament min-negliġenza ta' l-istess Dr. John Bonello;

52) Illi l-preskrizzjoni ma titfix l-istess allegazzjonijiet ta' l-istess Dr. John Bonello, hija sempliċement tpoġġi impediment f'idejn l-istess Esponent Rikorrent li jista' juża jew le skont l-għażla tiegħu kontra l-istess Dr. John Bonello;

53) Illi fi kliem ieħor, t-terminu ***'time-bar'*** jirreferi għal pretensjoni legali li tirriżulta minn skadenza ta' tul ta' żmien definit;

54) Illi l-Azzjoni Preskritta tfisser Azzjoni preskritta mill-mogħdija taż-żmien taħt statut ta' limitazzjonijiet ***(statute of limitations),*** statut ta' serħan ***(statute of repose),*** jew mir-regola proċedurali ***(procedural rule);***

## Il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ta' l-istess Rikorrent u l-istess *"hacking"* u l-fabbrikazzjoni ta' l-istess evidenża:

55) Illi kien evidenti mill-bidu nett li xi ħadd kellu kull interess li jiħħekja l-istess *"facebook"* ta' l-istess Esponent Rikorrent;

56) Illi bħala ben fatt, l-istess Dr. John Bonello huwa magħruf li rnexxielu jiħħekja l-istess *"facebook"* ta' l-istess Esponent Rikorrent nhar it-22 ta' Lulju 2019 billi fost affarijiet oħra:

   a. Dher jidħaq fuq l-istess facebook ta' l-istess Esponent Rikorrent;

   b. Dher ir-Rikors li kien ser jdaħħal l-għada quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) Sede Ċivili;

57) Illi sal-ġurnata tal-lum, l-istess Dr. John Bonello qatt ma rribatta w/jew ċaħad l-istess allegazzjonijiet li kien għamel l-istess Esponent Rikorrent meta nhar it-2 ta' Diċembru 2021 minn jeddu bil-Malti, bil-gurament qal fost ħafna affarijiet oħra:

> ***"....Dr. J. Bonello: Inti għidt illi dak-in-nahar tat-22 ta' Lulju 2019 l-avukat John Bonello telgħalek kopja tal-Avviż (tal-Qorti tal-Maġistrati - Malta) bħala comment fuq il-Facebook post tiegħek, tikkonfermah dan?***
>
> ***Xhud: <u>Mingħajr qorti</u>, <u>eżatt kollox mingħajr it-timbru tal-Qorti, preżentajniha din Sinjura Maġistrata</u>;***

*Dr. J. Bonello:* *...tikkonferma illi telgħu bħala comment fuq il-post li tellajt inti?*

*Xhud:* *Jiena meta rajt*

*Dr. J. Bonello:* *Hu paċenzja qed nistaqsik mistoqsija*

*Qorti:* *Hekk hu?*



*QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)*

*RIKORS*

Lil: **Publius sive Leo Said** (K.I.: 279449M)
ta'

B'dan int imsejjaħ tidher quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija f' _______________ fid-9a.m. biex twieġeb għat-talba ta'

**L-Avukat Dottor John Bonello** (K.I.: 534080M)
ta' 19/9, Triq id-Dejqa, Valletta, VLT1432

u tghid ghaliex m'ghandekx tkun ikkundannat

[22] Illi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet iddikjarat ukoll li l-prinċipju tal-ġustizzja naturali huma bbażati fuq il-ġustizzja, r-raġonevolezza, l-ugwaljanza w l-ekwità; Illi l-prinċipju ta' *AUDI ALTERAM PARTEM* huwa wieħed mill-kunċetti bażiċi tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali; Illi din id-duttrina tagħti dritt li wieħed ma għandux jiġi kkundannat b'xi ħaġa mingħajr ma jinstema'; Illi dan huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-ġustizzja naturali w jiżgura s-smigħ ġust u ħieles minn kull oppressjoni w/jew minn kull impożizzjoni; Illi din il-massima legali tagħti liż-żewġ partijiet id-dritt li jinstemgħu; Illi dina l-massima jsir bil-għan li jagħti opportunità liż-żewġ partijiet biex jiddefendu lilhom infushom; Illi għalhekk, kwalunkwe deċiżjoni meħuda mingħajr ma tingħata opportunità ġusta liż-żewġ partijiet li tinżamm milli tgħati d-difiża tagħha, tmur kontra l-istess prinċipal tal-ġustizzja naturali;

[23] Illi l-ġurisprudenza tal-Qorti tagħna tgħati anke d-Dritt ta' Tweġiba w anke d-Dritt ta' Korrezzjoni li tista' tkun ukoll parti mill-politika editorjali ta' pubblikazzjoni tal-aħbarijiet jew ta' xi ġurnal akkademiku;

Illi fl-1974, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa kien diġà vvota riżoluzzjoni li tagħti dritt ta' tweġiba għall-individwi kollha;[23]

Illi l-Artikolu 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2004 ddefinixxa d-dritt ta' tweġiba bħala li toffri l-possibbiltà ta' reazzjoni għal kwalunkwe informazzjoni fil-midja, eċċ li tippreżenta fatti mhux preċiżi li jaffettwaw drittijiet personali; ossija:

> *"....offering a possibility to react to any information in the media presenting inaccurate facts....which affect....personal rights...."*[23]

Illi per eżempju, l-Linji Gwida Editorjali tal-BBC jiddikjaraw illi meta l-produzzjoni tagħna tagħmel allegazzjonijiet ta' għemil ħażin, ekikwità jew inkompetenza jew tistabbilixxi kritika b'saħħitha w/jew dannuża għall-individwu w/jew għall-istituzzjoni, l-preżunzjoni hija li dawk ikkritikati għandhom jingħataw *"id-dritt ta' tweġiba,"* jiġifieri, l-istess individwu w/jew l-istess istituzzjoni tiġi mogħtija l-opportunità ġusta biex twieġeb għall-allegazzjonijiet tagħhom; ossija:

> *"....When our output makes allegations of wrongdoing, iniquity or incompetence or lays out a strong and damaging critique of an individual or institution the presumption is that those criticised should be given a "right of reply," that is, given a fair opportunity to respond to the allegations...."*[23]

billi l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kif ukoll l-istess Qorti ta' l-Appell jogħġobhom jikkunsidraw li jikkonċedu lill istess Esponent Rikorrent itellgħa bħala xhieda lill:

A. Lis-Spettur Kylie Borg;

B. Massimo Bonello;

C. Mary Louise Person;

D. L-ex Prim Ministru ta' Malta Dr. Joseph Muscat;

E. L-ex Direttur ta' Dawn l-Onorabbli Qrati, ossija tas-Sur Mercieca;

F. It-Tabib Dr. Salvino J. Grixti;

G. L-istess Espert tal-Computers li kien tqabbad mill-istess Onorevoli Maġistrat Axaq – Distrett taż-Żurrieq fl-istess Qorti Kriminali, ossija *"Il-Pulizija vs. Publius sive Leo Said;"*

H. Dr Patrick Valentino; w

I. oħrajn;

Ghaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-Esponent Rikorrent bir-rispett jitlob lil Dina l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha:

i) Tiddikjara li bis-sentenzi hekk mogħtija mill-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ċivili, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Diċembru, 2022 mill-Onorevoli Mħallef Lawrence Mintoff, LL.D, l-istess sentenzi ħonqu mhux biss il-libertà ta' l-espressjoni w id-dritt għall-informazzjoni ta' l-istess Rikorrent w għaldaqstant ivvjolaw l-istess drittijiet fundamentali tar-Rikorrent rigward l-istess dritt tiegħu għall-libertà tal-espressjoni w għad-dritt għall-informazzjoni imma wkoll bl-istess sentenzi ħonqu id-dritt tar-Rikorrent għas-smigħ xieraq kif provdut f'Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta w f'Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporati fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta w dana peress li apparti l-fatt li l-istess Esponent Rikorrent, barra li kien uża fost affarijiet oħra l-kliem ***"....John Bonello huwa brikkun, kiser il-liġi, kiser l-etika....,"*** biss dak il-ħin stess u fl-istess paragrafi, kemm is-Sur Mercieca kif ukoll l-istess Esponent Rikorrent kienu qegħdin jsostnu li ***"....John Bonello huwa brikkun, kiser il-liġi, kiser l-etika...."*** jekk kemm-il-darba l-istess Dr. John Bonello kien l-istess Avukat ta' Massimo Bonello fil-kawża li kellu ma l-istess Mary Louise Person;

ii) Tiddikjara li ladarba l-istess Onorevoli Mħallef Lawrence Mintoff, LL.D, naqas milli jissporasjedi milli jieħu konjizzjoni ta' l-istess Appell, kiser id-dritt fundamentali ta' l-istess Rikorrent għal smiegħ xieraq;

iii) Tiddikjara li abbażi ta' l-istess perspettiva Maltija tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ta' l-istess Maltin, l-istess kawżi hekk solevati mill-istess Dr. John Bonello kienu mill-bidu nett preskritti skond l-istess Liġijiet ta' Malta w għaldaqstant kemm l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ċivili, kif ukoll l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell kellhom mill-bidu nett jiddikjaraw l-istess kawżi hekk solevati mill-istess Dr. John Bonello kienu mill-bidu nett preskritti skond l-istess Liġijiet ta' Malta;

iv) Tiddikjara li l-istess kawżi hekk solevati mill-istess Dr. John Bonello kienu ffabbrikati mill-istess Dr. John Bonello w/jew mill-istess kompliċi tiegħu w dejjem a skapitu tad-drittijiet ta' l-istess Esponent Rikorrent;

v) Tiddikjara li l-istess kawżi hekk solevati mill-istess Dr. John Bonello la darbu kienu ffabbrikati mill-istess Dr. John Bonello w/jew mill-istess kompliċi tiegħu w dejjem a skapitu tad-drittijiet ta' l-istess Esponent Rikorrent, l-istess Dr. John Bonello irnexxielu jwettaq estorsjoni dejjem a skapitu ta' l-istess Esponent Rikorrent;[24]

---

[24] Illi kif ġa ġie suriferit kemm-il-darba, fir-Rikors Promotur u Ġuramentat ta' dina l-istess Kawża odjerna hekk datat it-23 ta' Lulju 2019, l-istess Avukat Dottor John Bonello kien b'mod solenni iddikjara illi:

> ***"....u tgħid għaliex m'għandekx tkun ikkundannat prevja dikjarazzjoni li pubblikazzjoni ossija immaġini viżwali (video) li int ppubblikat nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju 2019 għall-ħabta tat-2.32pm permezz ta' pjattaforma elettronika online ossia l-portal "Facebook" fejn il-konvenut jidher f'konversazzjoni permezz tat-telefonata liema konversazzjoni hija traskritta fid-dokument anness u mmarkat "Dok. X," hija libelluża u malafamanti fil-konfront tal-attur, tħallas lill-attur somma li ma teċċedix ħdax-il elf sitt mija u erbgħin euro (€11,640) in linea ta' danni morali u dana a tenur tal-Kap. 579...."***

Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-istess Avukat Dottor John Bonello, huwa konxju mill-fatt li huwa stess kien mhux biss għamel diversi allegazzjonijiet foloz u ffabbrikati, imma wkoll kien għamel diversi dikjarazzjonijiet ġuramentati foloz sabiex probabilment bl-għajnuna ta' terzi li daħlu f'kompliċità w f'konfoffa miegħu, xjentament, malizzjożament u dolożament ikkomittew diversi delitti sabiex, bl-istess dikjarazzjonijiet ġuramentati foloz, l-istess Avukat Dottor John Bonello, jkun f'pożizzjoni idonea li jiffroda lill istess Appellat; ossija, permezz ta' dina l-istess *mise en scène*, kif ukoll permezz ta' anke Dina l-istess Kawża odjerna, fl-14 ta' Marzu 2022, l-istess Appellat Dr. John Bonello kien talab lill istess Qrati tal-Maġistrati (ossija, kemm dawka Kriminali kif ukoll dawka Ċivili) sabiex:

d) **Abbażi ta' Artikolu 9 tal-KAPITOLU 579 – ATT DWAR IL-MIDJA U L-MALAFAMA l-istess Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) tikkundana lill istess Appellant *"....iħallas somma mhux aktar minn ħdax-il elf sitt, mija u erbgħin euro (€11,640) bħala danni morali flimkien ma' danni reali taħt kwalunkwe liġi li tkun fis-seħħ...."***

e) **Abbażi ta' Artikolu 48(3) tal-KAPITOLU 399 - ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI l-istess Qorti tal-Maġistrati (Kriminali) tikkundana**

vi) Taghti kull provvediment u rimedju ieħor xieraq w opportun sabiex jiġi żgurat kemm il-libertà ta' l-espressjoni w id-dritt għall-informazzjoni ta' l-istess Rikorrent kif ukoll għat-twettiq tad-dritt fundamentali tar-Rikorrent għal smigħ xieraq;

vii) Tiddikjara bħala nulla w bla effett kemm is-sentenza hekk moghtija mill-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta), kif ukoll is-sentenza li kienet ġiet ikkonfermata mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Diċembru, 2022 mill-Onorevoli Mħallef Lawrence Mintoff, LL.D;

viii) Taghti kumpens xieraq għad-danni morali hekk sofferti mill-istess Rikorrent;

Bl-ispejjez anke tal-preżenti w b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent kontra l-istess intimat minn issa ngunt sabiex jidher għas-subizzjoni.

Bl-ispejjeż anke tal-preżenti;

.......................................... ..........................................

Avv. Carmel Gatt | Prokuratur Legali

140 Triq il-Kungress Ewkaristiku,
Il-Mosta MST 9034
Mobile: + 356 77432547
E.mail: carmel.gatt.06@um.edu.mt

Notifika lill:

Rikorrent: Publius sive Leo Said (ID: 279449 M) ta' Flat 9, Solitaire Court, Block B, Qawra Road, Qawra, San Pawl il-Baħar SPB 1908;

Intimati: L-Avukat tal-Istat, Uffiċċju ta' l-Avukat tal-Istat, Casa Scaglia, 16, Triq Mikiel Anton Vassalli, Il-Belt Valletta VLT 1311, Malta

---

**lill istess Appellant *"....multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u disgħin euro (€23,290) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;"***

**f) Abbażi ta' Artikolu 48(4) tal-KAPITOLU 399 - ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI l-istess Qorti tal-Maġistrati (Kriminali) tikkundana lill istess Appellant *"....jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u ħamsa u erbgħin euro (€11,645) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;"***

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istatipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Frar, 2023 hawn riprodotta:

1. Illi preliminarjament, ir-rikors promotur huwa null ai termini tal-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi huwa wieħed nebolużu konfuż għal kollox u jitfa' l-esponent f'pożizzjoni diffiċli sabiex iwieġeb id-diversi allegazzjonijiet frivoli proposti mir-rikorrent;

2. Illi preliminarjament, din l-azzjoni li skont ir-rikorrent hija *"proċeduri ta' reviżjoni ġudizzjarja ta' l-istess Onorabbli Qrati Maltin;"*[25] għaldaqstant huwa pależi li dawn il-proċeduri ma jaqgħux fil-ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Magħdud ma' dan, l-esponent umilment jadixxi il-din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi din il-kwistjoni hija frivola u vessatorja ai termini tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni;

3. Illi in linea preliminari, l-esponent jeċepixxi illi hemm nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju peress illi in vista tal-fatt illi l-qofol ta' din il-kawża tirtratta dwar fatti u allegazzjoni illi fihom kienu involuti terzi senjatament l-Avukat John Bonello u peress illi l-ezitu ta' dawn il-proċeduri jista jkollhom effett fuq l-imsemmi, l-esponent iħoss illi r-rikorrent għandu jitlob illi l-Avukat John Bonello jkun parti minn dawn il-proċeduri;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u preliminarjament ukoll, l-esponent huwa tal-fehma li r-rikors promotur ma jħarisx dak indikat fl-Artikolu 159(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement, *ai termini* tal-Artikolu 159(2) tal-Kap. 12, jista' jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tagħti dawk l-ordnijiet neċessarji sabiex tiżgura li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jiġu mħarsa;

5. Illi fil-mertu, l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi l-esponent umilment jadixxi lil din l-Onorabbli tiċċensura u tieħu kwalunkwe proveddiment li hija tara xieraq kontra r-rikorrent tad-diversi

[25] Paragrafu 3 tar-rikors promotur.

allegazzjonijiet infondati li għamel dwar membri sedenti tal-ġudikatura senjatament dawk li jinsabu fil-premessi 38, 47 u 70 tar-rikors promotur.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jibda billi jingħad li din l-Onorabbli Qorti ma tistax u m'għandiex isservi bħala qorti tat-tielet istanza. L-uniku analiżi li din l-Onorabbli Qorti għandha tagħmel huwa jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ġewx leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;

8. Illi in kwantu għall-allegat ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, l-esponent ma jistax jifhem l-argument tar-rikorrent fejn hu jallega li "*bl-istess sentenzi ħonqu d-dritt tar-Rikorrent għal smigħ xieraq*". Assolutament ma ġiex spjegat kif is-sentenzi mogħtija kontrih huma leżivi tad-dritt għal smigħ xieraq u l-esponent ma jistax jifhem liema proċeduri ġudizzjarji li fihom qiegħed jipparteċipa r-rikorrent ġew jew ser jiġu preġudikati b'dawn is-sentenzi.

9. Illi d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantixxix li wieħed jaqbel mas-sentenzi tal-qrati fil-mertu iżda jiggarantixxi biss li ċerti prinċipji proċedurali fundamentali għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja jiġu mħarsa. Minn dan l-aspett, imkien ma jidher li seħħ xi nuqqas jew nuqqasijiet proċedurali tant serji li wasslu għall-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq.

10. Illi in kwantu għall-allegat ksur tal-jedd għal-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-informazzjoni, li tajjeb jiġi sottolineat li din l-allegazzjoni toħrog biss mit-talbiet u mhux mill-premessi, l-esponent jibda billi josserva li r-rikorrent ma speċifikax x'artikolu partikolari tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni qiegħed jiġi leż u għalhekk ikun opportun li hu jindika preċiżament liema artikoli qiegħed jinvoka u f'każ li jsir dan l-esponent jirriżerva li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri;

11. Illi magħdud dan kollu, ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda. Ulterjorment, l-esponent huwa tal-fehma li din il-kawża hi sempliċiment frivola u vessatorja u konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-partijiet;

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi din hija sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat liema eccezzjoni hija ta' natura preliminari u jehtieg li tkun deciza qabel il-mertu. B'din l-eccezzjoni l-Avukat tal-Istat qieghed jissolleva n-nullita' tar-rikors promutur bil-premessa li mhux konformi mal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta kwantu huwa wiehed "*nebuluz u konfuz ghal kollox u jitfa' l-esponent f'posizzjoni difficli sabiex iwiegeb id-diversi allegazzjonijiet frivoli proposti mir-rikorrenti*";

2. L-artikolu fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu l-Avukat tal-Istat isejjes l-eccezzjoni tieghu jipprovdi hekk:

789.(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista'tingħata –

(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi(a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.

(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità.

3. Illi l-Avukat tal-Istat ma ghamel referenza ghall-ebda subinciz partikolari ta' dan l-artikolu. Minkejja dan huma l-ewwel tlett subincizi (a), (b) u (c) li jghoddu ghal dak sollevat mill-Avukat tal-Istat, naturalment bil-*caveat* hemm ravvizat li bih l-eccezzjoni ma tkunx tista' tintlaqa', senjatament jekk l-izball jew nuqqas ikun jista' jissewwa u/jew meta l-parti tissokkta bil-kawza u

tkun konsapevoli tal-allegat nuqqas. Aktar minn hekk izda, essendo kawza ta' natural kostituzzjonali kwantu l-forma u l-kontenut tal-att promutur, japplikaw ir-regoli kif ravvizati fir-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qorti u l-Bon Ordni, L.S. 12.09 (Avviz Legali 278 tal-2008).

4. Ir-regolamenti relevanti ghal-kwistjoni hawn devoluta jipprovdu hekk:

> 2. Il-procedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti li jsiru skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-procedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghandhom jinbdew permezz ta' rikors.
>
> 3. (1) Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti ghandu jkun fih, b'mod konciz u car, il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment u ghandu jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet qed jigu jew li jkunu x'aktarx ser jigu miksura.
>
> (2) Ir-rikors ghandu jispecifika wkoll ir-rimedju mitlub mir-rikorrent:
>
> Izda l-qorti tkun tista', jekk ir-rikors jigi milqugh, taghti kull rimedju iehor fil-gurisdizzjoni taghha li tkun tqis bhala aktar xieraq.
>
> (3) Fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 95(2)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ir-rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonalig]andu jkun fih b'mod konciz u car ic-cirkostanzi li minnhomt inhoqoloq il-kwistjoni, it-talba u d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew ta' xi ligi ohra li fuqha jibbaza t-talba tieg]u ir-rikorrent.
>
> (4) Fil-kazijiet msemmija fl-artikolu 95(2)(c), (d), (e) u (f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ir-rikors ghandu jkun fih b'mod konciz u car ic-cirkostanzi li minnhom jinholoq l-appell, ir-ragunijiet ta' l-appell u t-talba g]ar-revoka jew modifika specifika tad-decizjoni appellata.
>
> (5) Rikors li ma josservax is-subregoli (1), (2), (3) u (4) ma jkunx null;
>
> Izda l-qorti tista', f'kull kaz, tordna lir-rikorrent li jipprezenta, f'dak iz-zmien li l-qorti tistabbilixxi, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet mehtiega u l-ispejjez ta' dak l-ordni ghandu jbatihom ir-rikorrenti.

4. Illi ghalhekk meta si tratta ta' proceduri ta' natura Kostituzzjonali japplikaw ukoll ir-regolari *ad hoc* ossia dawk specjali sakemm dawk msemmija fil-Kapitolu 12 mhumiex inkompatibbli mal-Ligi Sussidjarja citata. Isegwi ghalhekk li jkun ezaminat ir-rikors promutur mill-ottika tal-L.S. 12.09 ghat-tfittxija tal-allegati nuqqasijiet u jekk dawn jistghux jissewwew kif titlob l-istess Ligi Sussisdjarja. Qabel xejn, huwa palezi illi

kull rikors quddiem Qorti ta' kull kompetenza jehtieg li jkun munit bi premessi li fih ikunu mressqa l-ilmenti segwit bit-talbiet. Ghalhekk l-ewwel li ser ikunu ezaminati fir-rikors voluminuz tar-rikorrenti huma l-premessi;

5. Jibda biex jinghad illi fil-parti intorduttorja tar-rikors promutur, r-rikorrenti jallega illi "*l-ghan ta' dina l-istess Kawza Kostituzzjonali hija centrata madwar id-duttrina tal-aspettativa tal-istess Esponent Rikorrenti fil-proceduri ta' revizjoni gudizzjarja tal-istess Onorabbli Qrati Maltin*". (para 3 a fol 1) Gia ghalhekk jidher illi r-rikorrent qed jittenta revizjoni gudizjarja u mhux xi procedura ohra, inkluz allura dik ta' natura kostituzzjonali. Ir-rikorrenti imbagad jaghmel referenza ghar-rikors tieghu bin-numru 157/2019 fl-ismijiet l-Avukat Dottor John Bonello vs Publius sive Leo Said tal-31 ta' Lulju 2019 taht l-intestatura "**Il-protezzjoni tal-aspettattivi legittimi ta' l-istess Rikorrent u l-istess *Mise-en-scene* w il-FORUM SHOPPING mwettaq mill-istess Avukat Dottor John Bonello:**". Huwa jiddikjara li kien hassu malafamat bis-suggeriment tal-Avukat Bonello li l-Magistrat Dr. Rachel Montebello tirikuza ruhha u minn hemm isegwi jilmenta dwar xhieda mressqa li kollha indikaw li kienu kkomunikaw mal-istess avukat gewwa l-Belt Valletta u mhux gewwa z-Zurrieq (Il-Qorti qed issegwi b'mod fidil l-ordni tal-premessi). Wara dan, r-rikorrenti jallega illi l-atti qatt ma messhom gew quddiem il-Magistrat Dr. Victor G. Axiaq izda quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Mifsud u b'hekk l-Avukat Bonello kienu uza "**Mise-en-scene, FORUM SHOPPING** u qerq bla limitu".

6. Wara li r-rikorrenti jitkellem fuq l-istitut tal-preskrizzjoni u l-principju li "*lex specialis derogat legi generali:", a* fol 9, paragrafu 39 jallega li "*apparti li kien hemm ksur lampanti ta' l-istess Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll Artikolu 6(a) tal-istess Konvenzjoni ghad-Drittijiet Fundamentali tal-bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa kif ukoll id-Dritt hekk garantit taht "**TITLE VI**" tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ossija Artikolu 47 et seq, id-Dritt fundamentali ta' l-"Equality of arms", kif ukoll id-Dritt fundamentali ta' l-**AUDI ALTERAM PARTEM, "<u>THE BASIC RULES OF NATURAL JUSTICE," A RIGHT OF REPLY</u>** u/jew **<u>A RIGHT OF CORRECTION</u>**, l-istess Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta milli jidher hija biss holma rimotissima.* Minn hemm jissokta biex jiccita lill George Orwell u jirriproduci dak li jidher li hu Avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex iwiegeb ghall-allegat libell minnu maghmul fuq il-pjattaforma Facebook;

7. Isegwi imbaghad r-rikors promotur b'esposizzjoni tal-"aspettattivi legittimi" u il-principju legali ta' l-istitut tal-limitazzjonijiet – preskrizzjoni (fol 15) u allegata negligenza ta' Dr. John Bonello. (fol 17). Minn hawn, r-rikorrenti jitkellem dwar "*hacking*" u fabrikazzjoni ta' evidenza; *frame up* a fol 22 u sussegwentement isemmi lil certu Sur Mercieca minghajr ma jghid min hu ghajr li kien qed jitkellem mieghu ftit wara li kienet inqatlet il-gurnalista Daphne Caruana Galizia. Fil-paragrafu 74 a fol 24, r-rikorrenti imbaghad jaghmel referenza ghall-tmintax-il sentenza tal-qrati u l-gudikanti li ddecidew l-istess fil-kuntest ta' "*l-argument principali taz-zewg telefonati kienu dejjem ic-centrati fuq id-dritt li kien qed jippretendi li ghandu l-istess Esponent Rikorrent sabiex isir jaf minn kienu l-avukat f'24 kawza*".

8. Jissokta r-rikors promutur f'ragunament dwar il-Kodici ta' Kondotta tal-Avukati wara li jissemma xi incident ma' certu Mary Louise Person u Massimo Bonello (fol 26) u li kemm l-esponenti kif ukoll martu kienu diversi drabi talbu lill-Pulizija Ezekuttiva u lill-Qrati jittiehdu proceduri dixxiplinari u kriminali kontra l-avukati ta' Massimo Bonello bl-allegazzjoni li r-rikorrenti kien kellem lill-ex-Prim Ministru ta' Malta, Dr. Joseph Muscat li, skond hu, kien irrakomanda lis-Sur Mercieca [imsemmi precedentement u li aktar tard jirrizulta li hu l-ex direttur tal-Qrati (9fol 340) jghaddi l-informazzjoni dwar min kienu l-avukati f'24 kawza. (fol 27);

9. Illi minn fol 34 sa fol 36 r-rikorrenti jaghmel referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kwantu d-dritt ta' smigh xieraq b'referenza specifika ghall-Equality of Arms, l-Audi Alteram Partem, Basic Rules of Natural Justice u/jew Right of Correction u jallega li kien talab lill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll lill-Qorti tal-Appell jikkunsidraw jirrevedu d-decizjonijiet taghhom billi jikkunsidraw u jikkoncedulu li iressaq bhala xhieda lill: L-ispettur Kylie Borg, Massimo Bonello, Mary Louise Person, l-ex-Prim'Ministru ta' Malta Dr. Joseph Muscat, l-ex direttur tal-Qrati Sur Mercieca, t-Tabib Salvino J. Grixti, l-espert tal-Computers mqabbad mill-Magistrat Axiaq fil-kawza Il-Pulizija vs Publius sive Leo Said, Dr. Patrick Valentino u ohrajn;

10. Illi dawn kienu il-premessi mressqa mir-rikorrenti, izda, raggunt dan il-punt, l-Qorti tistqarr li tista' tikkonstata biss multiplicita' ta' hsibijiet li ghalkemm f'mohh ir-rikorrenti jistghu jkunu relatati, jirravizaw biss konfuzjoni u nuqqas ta' carezza. Madankollu, u kif

dejjem jirritjenu l-Qrati taghna, li n-natura tal-kawza tohrog mit-talbiet u l-eccezzjonijiet u applikat dan il-principju, jokkorri issa ezami tat-talbiet maghmula mir-rikorrenti li ghad illi huwa aktar addattat sabiex jindirizza t-tieni eccezzjoni, dan l-istharrig jista' jkun utili sabiex il-Qorti tifhem n-natura tal-kawza u jekk l-eccezzjoni tal-intimat tisthoqx li tkun akkolta jew michuda;

11. Ir-rikorrenti ressaq tmien talbiet kif wara kollox huwa evidenti mir-rikors promutur riprodott. L-ewwel minn dawn it-talbiet hija sabiex din il-Qorti tiddikkjara li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Civili [sic.] u konfermata fis-16 ta' Dicembru, 2022 mill-Onorevoli Imhallef Lawrence Mintoff "*honqu mhux biss il-liberta' ta' l-espressjoni w id-dritt ghall-informazzjoni tal-istess rikorrenti w ghaldaqstant ivvjolaw l-istess drittijiet fundamentali …. Imma honqu ukoll id-dritt tar-Rikorrenti ghas-smigh xieraq kif provdut f'Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta w fArtikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporati fil-Kapitolu 319 tal-Ligijeit ta' Malta….*" It-tieni talba hija ukoll wahda dikjaratorja li biha jallega li kien lez id-dritt ta' smigh xieraq meta l-Onorevoli Imhallef Lawrence Mintoff naqas milli jissoprasjedi milli jiehu konjizzjoni tal-"*istess appell*"; Bit-tielet, r-raba' u l-hames talba, talab li l-kawza istitwita mill-Avukat John Bonello kellha tkun dikjarata preskritta mill-bidu nett u li l-<u>kawzi</u> [sottolinear tal-Qorti] sollevati mill-istess Avukat John Bonello kienu fabbrikati u li b'hekk irnexxielu jwettaq estorsjoni a skapitu tal-istess rikorrenti. Konsegwentement ir-rikorrenti talab rimedju "*sabiex ikun zgurat kemm il-liberta' ta' l-espressjoni w id-dritt ghall-informazzjoni ta' l-istess rikorrenti kif ukoll ghat-twettiq tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal-smigh xieraq*". Talab ukoll lil qorti tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) [sic.] u dik tas-16 ta' Dicembru, 2022 per Onor. Imhallef Lawrence Mintoff u finalment kumpens xieraq ghad-danni morali sofferti;

12. Illi tajjeb li jkun osservat illi wara li fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2023 l-Qorti halliet il-kawza ghas-sottomissjonijiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-Avukat tal-Istat, r-rikorrent deher minghajr avukat fl-udjenza sussegwenti u informa lill-Qorti illi kien ta struzzjonijiet lill-avukat tieghu, l-Avukat Carmelo Gatt, sabiex ma jidhirx peress illi ma kienx hemm htiega. Il-Qorti deherilha li f'dawk ic-cirkostanzi huwa fl-interess tar-rikorrenti li jkun assistit u ghalhekk iddiferiet il-kawza. Fl-udjenza li kien imiss, dik tas-27 ta' Settembru, 2023 r-rikorrenti kien debitament assistit, saru sottomissjonijiet verbali

fuq l-ewwel eccezzjoni w inoltre awtorizzat lill-partijiet jipprezentaw nota ta' sottomissjonjiet bil-miktub;

13. Illi filwaqt li l-Avukat tal-Istat ma pprezenta ebda sottomissjoni bil-miktub, r-rikorrenti ressaq is-sottomissjonijiet tieghu fit-22 ta' Novembru, 2023 konsistenti f'**mitejn u sittin (216)** faccata li jakkludu ritratti u saret referenza ghall-video li ma kienux parti mir-rikors promutur. Frankament il-Qorti kienet qed tistenna li r-rikorrenti jiccara r-rikors tieghu anke jekk ma ghamilx rikors ghalhekk u dan sabiex jibbenefika minn dak li jipprovdi ir-Regolament 3 tal-L.S.12.09 u jerita mill-effett drastiku ta' possibbli dikjarazzjoni ta' nullita'. Minflok ma ghamel hekk, ir-rikorrenti kompla jzid mal-istat ferm u ferm nebuluz u konfunzjonaru li bih adixxa lil din il-Qorti. Fl-ewwel lok, wara li fl-introduzzjoni tal-osservazzjonijiet tieghu r-rikorrenti ddikjara li jkun utili li tinghata sintezi tal-kronologija dwar l-istanzi li ghaddiet minnhom "il-kawza odjerna", fil-fatt ma ghamel ebda tali sintezi u minflok, fil-paragrafu 10 "*jitlob lill Dina l-istess Onorabbli Qorti sabiex ai sensi tal-istess Artiklu 175 tal-Kodici ta' Organizazzjoni w Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta* [mhux precedentement msemmi], *Dina l-istess Onorabbli Qorti tordna li semai jigi sfilzat biss dika l-istess parti li dina l-istess Onorabbli Qorti jidrilha li ma humhiex konformi kemm ma l-istess Ligijiet ta' Malta kif ukoll….*" Fil-paragrafu 11 imbaghad : "*Illi l-istess Intimati mhux ser isofru ebda pregudizzju bit-talba ghat-tibdil propost ghad illi l-istess Intimati dejjem ghandhom id-dritt li jressqu l-istess provi taghhom*". Frankament il-Qorti issa tinsab verament preokkupata bis-sitwazzjoni li aktar ma tifli fil-process aktar issib konfuzjoni wara l-ohra. Ir-rikorrenti donnu qed jistieden lil-Qorti terga tifli r-rikors promutur u tisfilza minnu dak li mhux rilevanti sabiex issalva l-azzjoni. Il-Qorti qrat ir-rikors diversi drabi bil-ghan li tara x'inhu dak li dwaru qed jilmenta r-rikorrenti u apparti li ma tistax tifhem ezatt x'inhu dak li qed jallega. ma tistax' tifhem b'mod partikolari dak li r-rikorrenti qed jistiedenha taghmel, jigifieri li tifli r-rikors u tnehhi minnu dak li mhux rilevanti. Bid-dovut rigward din mhix proposta dicenti;

14. Jizdied jinghad illi minflok ma ccara l-posizzjoni tieghu, ir-rikorrenti issa introduca element li ma kienx parti mir-rikors promutur billi invoka "**<u>Il-protezzjoni tal-aspettattivi legittimi ta' l-istess Rikorrenti Said u l-Principju generali tad-Dritt *NEMO JUDEX IDONEUS IN PROPRIA CAUSE*</u>".** Fl-ewwel lok jallega, bhalma kien allega inizzjalment permezz ta' rikors fl-inizzju tal-kawza (ara rikors 14.2.2023 fol 51) li l-atti gew quddiem din il-Qorti kif preseduta meta kienu intizi biex jinstemghu quddiem l-Onorevoli Mhallef Dottor Neville

Camilleri, b'liema rikors kien talab ir-rikuza tal-Imhallef sottofirmat. Is-serjeta' ta' din l-allegazzjoni timmerita ezami tal-*iter processwali* li juri li l-att promutur kien intavolat fit-2 ta' Jannar, 2023. B'assenjazzjoni tal-President tal-Qrati l-Imhallef Neville Camilleri kien assenjat doveri godda fil-Qorti Kriminali mill-1 ta' Jannar, 2023 filwaqt illi l-Imhallef sottofirmat kien ukoll assenjat doveri godda fil-Qorti Civili fit-8 ta' Jannar 2023 minflok l-Imhallef Neville Camilleri. B'hekk ma seta' qatt gara dak allegat mir-rikorrenti. Inoltre, r-rikorrenti issa jallega illi l-Imhallef sottofirmat kien "*b'mod dirett u jew mod indirett kien involut kemm-il-darba fl-istess Kawzi li kellu x'jaqsam l-istess Esponent rikorrenti Said kif ukoll l-istess klijent ta' l-istess Dr. John Bonello, ossia Massimo Bonello*" f'liema allegazzjoni imbaghad ir-rikorrenti jinfexx f'allegazzjoni ta' *frame-up* mwettaaq minn Dr. John Bonello;

15. Illi tajjeb li jkun osservat illi fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2023, il-Qorti ddisponiet mir-rikors tar-rikorrenti tal-14 ta' Frar, 2023 billi wara li semghet lill-partijiet ddikjarat li ma kien hemm l-ebda lok ta' rikuza u ghalhekk cahdet it-talba. Inoltre, hija ghall-ahhar zbalordita b'allegazzjoni odjerna mhux biss ghaliex ir-rikorrenti quddiem il-Qorti kif preseduta u fil-miftuh iddikjara li hu l-uniku gudikant li ghandu fiducja fih, izda ukoll ghaliex il-principju tal-gustizzja naturali *nemo judex in cause propria* u l-allegat ksur tieghu ma jirrafigura b'ebda mod fit-"talba" ossia allegazzjoni tieghu. Il-Qorti mhix ser tinoltra fl-elementi ta' dan il-principju li ghal beneficcju tar-rikorrenti jitraduci ruhu bil-kliem li imhallef ma ghandhux joqghod f'kawzi fejn ghandu interess;

16. Illi r-rikorrenti jiccita ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef Miriam Hayman fl-ismijiet Cecil Herbert Jones kontra l-Avukat Generali deciza fil-15 ta' Frar, 2019 li biha jghid li kienet michuda eccezzjoni simili ghal dik in disamina bil-Qorti tiddikjara li ma kienitx ser thaddan l-eccezzjoni tal-Avukat Generali w ma thallix l-istharrig tal-ksur allegat da parti ta' l-Istat Malti isir minhabba regola ta' forma procedurali mhux stabbilita. Dan l-insenjament ma jiswiex ghall-kwistjoni hawn devoluta ghaliex fil-kaz odjern ir-regola hija wahda stabbilita mil-ligi senjatament ir-regolament 2 tal-L.S. 12.09 bin-nuqqas ta' osservanza tieghu igib in-nullita' tal-azzjoni dment li ma tkunx salvata fuq talba ta' min jipproponi l-azzjoni u kjarifika ghas-sodisfazzjon tal-Qorti;

17. Illi minghajr tlaqliq irid jinghad illi aktar ma wiehed ikompli jaqra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti aktar tithabbel il-kobba u aktar

issir nebuluza u konfuza s-sitwazzjoni fejn jibdew jissemmew ammonti ta' eluf ta' euro u zmien ta' prigunerija b'aktar ritratti u fleggeg demarkanti. Fil-fehma tal-Qorti, minflok ma r-rikorrenti ssimplifika u ccara l-premessi u talbiet bil-ghan li l-Qorti tkun tista' tadopera l-provvedimenti tar-Regolament 3 tal-L.S. 12.09, aktar introduca konfuzzjoni;

18. Illi l-Qorti tqis illi r-rikorrent ddekada mill-opportunita' moghtija lilu sabiex jispjega ahjar l-ilment tieghu kif jitlob ir-Regolament 3 tal-L.S. 12.09 u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddisponi mill-eccezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat fuq dak migjuba quddiemha u li jinsab in atti. Dak li allura jehtieg li jkun deciz hu jekk l-Avukat tal-Istat ghandux ragun fl-eccezzjoni tieghu li l-azzjoni ghandha tkun dikjarata nulla stante li mhix konformi mal-ligi li f'dan il-kaz trid li r-rikors ikun konciz u car, Regolament 3 L.S. 12.09 oltre dak li jrid l-artikolu 789 tal-Kapitolu 12;

19. Illi huwa palezament akkolt fil-gurisprudenza, kif wara kollox ukoll rifless fis-subregolamenti tar-Regolament 3 tal-L.S.12.09 u sahansitra mis-sentenza citata mill-istess rikorrenti, illi l-formalizmu zejjed qajla fadallu post mhux biss f'kawzi ta' natura ordinarja izda aktar u aktar f'dawk li jfittxu rimedju ghal-allegat lezjoni ta' jeddijiet fundamentali. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Carmel Mangion et vs L-Avukat tal-Istat et** (Rik 833/21 tal-14 ta' Lulju 2022 fejn l-intimati eccepew in-nullita' tal-azzjoni la darba ibbazaq il-lanjanza taghhom fuq ksur tal-Kapitolu 69 meta kellha tkun mibnija fuq il-Kapitolu 158 l-qorti rriteniet hekk:

> Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza ***Bartolo v Agent Registratur tal-Qrati,*** siltet mid-disposizzjonijiet tal-ligi, il-principju li f'kawzi dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali, il-formalita' hija ridotta ghall-minimu necessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-gudikant li jkun qed jippresedi, li ghandu jara li jigu salfagwardati l-principji kollha tal-gustizzja procedurali. Il-gudikant mhux marbut li joqghod biss ghal dak li jista' jkun hemm miktub mir-rikorrenti ghal dik li hija l-indikjazzjoni preciza tal-artikoli kostituzzjonali li jiddelineaw id-drittijiet fundamentali tieghu. Il-flessibilita' procedurali li ghaliha ghadha kif saret riferenza, hija illustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija licenzjata li "… tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaw jew tizgura twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet (dwar drittijiet fundamentali) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna.

Dik il-Qorti ghaddiet biex tichad dik l-eccezzjoni u fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, b'sentenza tad-29 ta' Marzu, 2023, dik il-parti tad-decide kienet konfermata. U din hija, minghajr ebda dubju, il-*quid juris* fejn si tratta ta' kawzi ta' indoli ta' jeddijiet fundamentali u l-din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tabbraccja dak ir-ragunament. Il-kaz appena msemmi kien wiehed fejn r-rikorrenti ghamel referenza ghal-kapitolu tal-ligi zbaljat meta l-Kapitolu tal-ligi li kellu jsemmi kien effettivament identiku jew ahjar simili hafna fejn si tratta tal-ilment ta' lezjoni fit-thaddim ta' ligi ta' inkwilinat;

20. Jizdied ikun osservat dak ritenut mill-Qorti fis-sentenza taghha precedenti tal-14 ta' Gunju 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Mario Borg vs l-Avukat Generali**:

> **"..... is-setghat moghtijin mil-ligi lil din il-Qorti f'kawzi ta' ghamla Kostituzzjonali mhumhiex imfissrin b'mod ezawrenti f'xi disposizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab taghti huma mhollijin fid-diskrezzjoni taghha fl-ahjar interess tal-gustizzja u biex taghmel haqq fejn mehtieg.**
>
> **Illi hija ghandha s-setgha tirregola l-procedura taghha u li taghi dawk il-provvedimenti, kemm difinittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-htiega taghhom waqt kull smigh, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwistjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suggetta ghal pressjonijiet indebiti jew hsara irriversibbli ghal xi wahda mill-partijiet.**

21. F'digriet recenti fil-kawza **Environment Health and Safety Ltd vs Mario Camilleri et** (8 ta' Novembru, 2022) kien deciz illi:

> **Huwa principju llum assodat mill-Qrati kollha li indipendentement minn dak li jiddisponi l-kodici ta' procedura nostrana hemm principji aktar gholjin sabiex tigi amministrata r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja...**

22. Il-Qorti tikkondividi dawn il-principji u allura, hekk stabilit, jokkorri li l-ilment tal-Avukat tal-Istat ikun ezaminat mill-ottika tal-gravita' o meno tal-allegata mankanza u dan ghaliex ma jfissirx b'daqshekk li kollox ghandu jghaddi minghajr ma jkun ezaminat jekk l-izball jew in-nuqqas ta' dak li jkun jimmeritax li jkun sanat. Dan qed jinghad ghaliex minkejja dak ritenut *supra* hemm linja dimarkanti li ma ghandhiex tittiehed b'mod legger. Fis-sentenza **Ignatius Licari noe vs Kummissarju tal-Artijiet et** (Qorti Kostituzzjonali 19.6.2006) intqal illi:

> "Huwa veru li f'partijiet tar-rikors promotorju tissemma' l-kwistjoni, ossia l-allegazzjoni, li l-espopriazzjonijiet ma kienux saru verament ghal skop pubbliku, bhala ssemmiet ukoll quddiem il-Bord ta' l-

Arbitragg, pero' jekk wiehed jezamina sew ir-rikors promotorju, kif jidher li lorrettement ghamlet l-ewwel Qorti, wiehed ma jistax ma jasalx ghall-konkluzzjoni li l-veru ilment tar-rikorrent appellant huwa dwar il-kumpens. Dan huwa s-sens, tista tghid, tal-premessi fattwali kollha minnu migjuba fir-rikors promotorju. Biex issahah din il-konkluzjoni, aktar milli biex tasal ghaliha, l-ewwel Qorti korrettement irriferiet ghat-talbiet (proprjament, mill-mod kif il-paragrafu huwa redatt, talba wahda) ta' l-appellant fir-rikors promotorju (ara l-paragrafu 1 *supra*)u ghall fatt li l-uniku rimedju specifiku li huwa talab kien dak li l-Qorti "tiddikjara li in kwantu l-ligi twassal ghall-istima ta' din l-art esklussivament bhala art agrikola, dawk il-provvedimenti tal-ligi huma vjolattivi tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. / Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-appellant meta dan jikkontendi li huwa talab implicitament l-annullament tad-dikjarazzjonijiet presidenzjali bil-fatt li talab li l-Qorti taghti "kull rimedju xieraq u opportun".

23. Ic-cirkostanzi fil-kwistjoni in disamina huma similment kolpiti ghaliex dak li effettivament ghamel r-rikorrent odjern hu li f'rikors ta' erbghin pagna, segwit b'sottomissjonijiet ta' mitejn u 216-il pagna ohra b'allegazzjonijiet uhud minnhom godda, tefa' kollox f'hogor il-Qorti sabiex tarbel hi u tipprova taghmel sens minn dak kollu li qed jittenta jghid. Il-Qorti trid titqieghed f'posizzjoni li tifhem xi jrid r-rikorrent bil-procedura minnu proposta, haga din li fil-kaz odjern m'hi xejn fattibbli. Fl-istess sentenza appena citata kien ritenut illi

> "Proceduri ghal rimedju that l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (u taht l-artikolu korrispondenti tal-Kap 319), huma proceduri serji hafna, forsi aktaar serji – jekk wiehed kellu jaghmel gradwatorja ta' importaza jew gravita' – minn hafna proceduri ohra, u ghalhekk ir-rikors promutur ghandu jkun iffokat u b'talbiet cari. Huwa wkoll ghalhekk li r-regola 3 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati tezigi li r-rikorsi li jinizzjaw tali proceduri, ghandu jkollhom fihom "b'mod konciz u car il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment u ghandu jsemmi d-disposizzjoni jew id-disposizzjonjiet tal-Kostituzzjoni [illum mizjud: "jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertaijiet Fondamentali"] li jkun allegat li jkunu gew jew li jkunu qed jigu jew li jkunu x'aktarx ser jigu miksura".

24. Maghmulha dawn il-konsidrazzjonijiet, taqta' u tiddeciedi illi r-rikors promutur jippekka b'mod gravi billi mhux konformi mar-rekwiziti minimi li trid il-ligi senjatament f'dak provdut fir-Regolament 2 u 3 tal-

L.S. 12.09 billi huwa meteluz, mhux car u konfuz b'mod illi l-Qorti mhix f'qaghda li tiddecifra l-ilment jew ilmenti tar-rikorrenti.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tiddikjara r-rikors irritu u null, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat kif ukoll tar-rikors promutur.**

**L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti**.

____________________________

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

____________________________

**Nicole Cini**

**Deputat Reġistratur**